# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 15/2019

25 ta' Novembru, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

15.1Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji u li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tasal ftit tard.

15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

15.2.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward 14.4.2 (notice board pjazza) jekk kinitix qed tirreferi għan-notice board jew le u jekk in-notice board kinitx ser tinqala'. Is-Sindku qal illi s-Segretarju Eżekutitv kienet marret tkellem lil ex Viċi Sindku rigward il-ftehim li kellha mal-Kunsill rigward it-tlett reklami mal-għamara tat-toroq. Is-Sindku qal illi l-ex Viċi Sindku kienet qed tgħid illi hija kienet ħallset lill-kuntrattur dirett, pero' s-Sindku qal illi l-kuntrattur reġa' kkonferma illi kienet ħallset biss ta' seba' reklami, għalhekk hekk kif kien sar il-ftehim kien għad fadal li tħallas ta' tlieta li dwarhom għandha l-agreement magħna. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien staqsih jekk l-Kunsill jaqbilx li 'l quddiem tħallas lilu (il-Kuntrattur) dirett. Il-Kunsill qabel illi għandna nibagħtulha ittra fejn nispjegawlha illi l-agreement kien ser jispiċċa u li għandha tirregolarizza ruħha billi tħallas għal reklami li għamlet dawn l-aħħar sentejn u nivverifikaw x'kienet ser tagħmel għal dawn it-tlett reklami. Il-Kunsill qabel illi jekk ma jkunx hemm alternattiva' oħra t-tabella kellha tibqa' fejn kienet għalissa.

15.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 14.4.4 (central strip quddiem iċ-ċimiterju) issa kien ħawwel il-madwar kollu bil-ġiżi.

15.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-gym equipment kien ġie nstallat hekk kif kien miftiehem.

15.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 14.5.8 (vending machine fil-bandli) huwa kien qal illi l-Kunsill għandu jkollu ntrojtu żgħir mill-bejgh li jsir mill-vending machine. Il-Kunsill qabel.

15.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 14.5.6 huwa kien ippreżenta l-lista u li kellha tiżdied ukoll it-tina li hemm fi Sqaq San Frangisk. Huwa qal illi l-isqaq ma jkunx hemm bżonn li nagħmlu d-dawl ġdid fl-isqaq jekk tinżabar din it-tina.

15.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publis Abdilla staqsa jekk it-tabella fi Triq in-Nassaba kinitx ttellgħet. Is-Sindku kkonferma li s'issa ma kinitx saret.

15.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kienet issemmiet laqgħa ref punt 14.6.3 (pjazza pedonali). Is-Sindku qal li kellu update fuq din il-laqgħa.

15.2.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 14.6.6 (festa roti) it-tellieqa kienet ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Diċembru, 2019.

15.2.10 Il-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 14.6.10 (kameras Misraħ Ħlantun) jekk konniex ħadna xi risposta. Is-Sindku kkonferma li ma konna ħadna l-ebda risposta.

15.2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref punt 14.10 (intervisti għal ingaġġ għal librar) kienu ser isiru nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru.

15.2.12 Is-Sindku staqsa jekk ref punt 14.6.7 (grupp ta' żagħżagħ għas-systems of knowledge) kienx hemm xi żviluppi. Il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi issa l-grupp kien jifforma 19-il persuna u li kienu ser jagħtu servizz lil komunita'. Hija qalet illi rigward Festa Familja dan il-grupp kien ser jieħu sehem billi jagħmlu crafts b'affarijiet reċiklati. Is-Sindku qal illi għal din l-attivita' ser ikollna bżonn li uħud minnhom joqogħdu fil-play areas ukoll.

15.2.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi huwa kien avviċina persuna li tagħmel il-kaligaturi sabiex tattendi għal attivita' li l-Kunsill kien ser jorganizza nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru, 2019. Huwa qal illi din il-persuna ser ikollha bżonn biss siġġu u spazju żgħir fejn taħdem. Il-Kunsill qabel illi din il-persuna għandha jew tħallas fee jew inkella persentaġġ żgħir mix-xogħol u qabel ukoll illi l-Kunsill għandu jagħmel ittra ta' konferma li l-Kunsill kien jawtorizza li tista' tarma għal din l-attivita.

15.2.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex staqsejna rigward l-isqaq ta Triq il-Karwija. Is-Sindku qal li kien jaħseb illi għandna nibagħtu ittra lil MIP.

15.2.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-grawnd attendant ġdid kien beda.

15.2.15 Is-Sindku qal illi kien għad fadal xi postijiet għal proġetti tal-Erasmus+.

15.2.16 Is-Sindku qal illi ref punt 14.17 konna xtrajna armar ġdid għal Milied li kienet ser jeħel fi Triq 2 San Pawl int u dieħel għal Triq San Gużepp. Is-Sindku qal illi din l-armar kienet tiswa 200 Euro u li jekk tintgħoġob is-sena d-dieħla konna nixtru aktar.

15.2.17 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien spjega rigward ref punt 14.4.7 rigward it-toqob għan nar tal-art fi Triq il-Kuċċard.

15.2.18 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk konniex għamilna kuntatt mal-persuna rigward ref pnt 14.5.3 (użu tal-ilma) sabiex jarmaw għal attivita' tad-29 ta' Diċembru 2019.

15.2.19 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker faħħar il-Kunsill għal bandiera fi Triq tal-Karwija u għall-indafa tal-latrina pubblika. Huwa ssuġerixxa illi għandna ninstallaw biċċa stainless steel minflok mera fl-istess latrina.

15.2.20 Is-Sindku qal illi ref punt 14.18 (inizzjattiva kameras minn Reġjun Nofsinhar) il-Kunsill kien ikkunsidra illi nqegħdu waħda ħdejn il-Convenience Shop fi Triq iż-Żurrieq. Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-iskart, Data Protection u spejjeż għal din l-inijattiva u kulħadd qabel illi jekk niddeċiedu illi ninstallaw kamera din għandna nagħmluha f'post prominenti sabiex tkun dejjem effettiva.

15.3 Kuminikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku fakkar lil Kunsill illi nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru, 2019 kien ser ikun hemm il-laqgħa dwar Cultural Strategy li kienet ser issir fis-Sala Pietru Pawl Busuttil u li wara kien ser ikun hemm riċeviment żgħir.

15.3.2 Is-Sindku qal fakkar ukoll lil Kunsill dwar il-konferenza li l-Kunsill kien ser ikollu bejn it-2 u l-5 ta' Diċembru rigward l-imigrazzjoni. Huwa ta d-dettalji tal-istess konferenza.

15.3.3 Is-Sindku qal li xtaq jagħti d-dettalji dwar il-laqgħa li kellu ma Dr Antoine Zammit flimkien mal-Kunsillier is-Sur Mark Cocker fejn kienu ddiskiutew il-possibilita' li l-pjazza issir pedonali u Skema ġdida ta' Trafficd Management. Is-Sindku qal illi xogħol Dr Antoine Zammit ser ikun illi jagħmel kunsultazzjoi sħiħa sabiex meta navviċinaw lil Transport Malta fuq din l-idea diġa' nkunu morna bi pjan. Il-Kunsill iddiskuta din il-konsultazzjoni.

15.3.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva e-mail mingħand Regjun Nofsinhar rigward kollaborazzjoni ma Ambjent Malta sabiex jittejbu soft areas, ġonna u spazji miftuħa. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi l-isfel minn fejn dawwarna bil-ħitan hemm biċċa art li tista' tiġi miżrugħa.

15.3.5 Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill kien irċieva invit għal Prize Day mill-Iskola Primarja. Is-Sindku qal illi din is-sena minflok kotba l-iskola jixtiequ li nixtru xi affarijiet relatati max-Xjenza. Il-Kunsill qabel.

15.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni tal-Gal Xlokk rigward l-anterna u l-koppla tal-Knisja. Huwa qal illi l-applikazzjoni ser tiġi approvata nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru, 2019.

15.3.7 Is-Sindku qal illi kien jinħtieġ illi l-Kunsill jaqbel fuq ġurnata sabiex issir l-evalwazzjoni tal-kuntratt għal Embellishment.

15.3.8 Is-Sindkdu qal illi kien hemm xi tibdil fl-allowances tal-Kunsilliera.

15.3.9 Il-Viċi Sindku qal illi kien attenda l-laqgħa bdew jitkellmu skemi ma ssemmew xejn. Ma kellux dettalji tal-iskemi

15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

15.4.1. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Kunsill għandu bżonn nagħmlu policy meta titla' mezza lasta l-bandiera.

Il-Kunsill iddiskuta din u qabel illi:

1. Luttu Pubbliku fuq postijiet pubbliċi
2. Kunsilliera u ex Kunsilliera
3. Kappillani u Qassisin minn Ħal Safi
4. Presidenti u Segretarji jew ex Presidenti u ex-Segretarji kollha kemm Politiċi kif ukoll kemm tal-Banda
5. Superjuri jew ex superjuri tal-Muzew li servew Ħal Safi
6. Eċċezzjonijiet bħal traġedji fuq qbil tal-Kunsill

15.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi Triq San Gwann quddiem l-grocer fejn sar il-bini għandha tiġi rranġata. Is-Sindku qal illi din it-triq ser tiġi asfaltata mill-ġdid minn fejn it-tabib sat-tarf.

15.5 Ħatra Impjegat Ġdid Skala 11

15.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat id-dettalji tal-unika applikant li kien applika. Is-Sindku qal illi fuq suġġeriment tal-Bord (li kien jikkonsisti mis-Sindku, Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla) għandna naċċettaw illi jimla l-post vakant bħala *Assistant Principal*.

15.6 Evalwazzjoni Tender Steel

15.6.1 Is-Sindku qal illi kien iltaqa' l-bord u fuq suġġeriment tal-bord għandna nagħtu dan il-kuntratt lill-orħos kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

15.7 Fuljett Milied 2019

15.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien reġa' wasal iż-żmien sabiex noħorġu l-fuljett għal żmien il-Milied u kulħadd għandu jibgħat il-messaġġ. Hija qalet illi kienet ħadet kwotazzjoni għal prezz ta' €1190 mingħajr Vat.

15.8 Korrispondenza

15.8.1 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail b'referenza 51/353 rigward l-ħajt li waqa' fuq karozza. Is-Segretarju Eżekuttigv qalet illi ħdejn il-bring in sites kien waqa' ħajt fuq karoza u li żewġ persuni kienu ġew biss il-Kunsill għal informazzjoni.

15.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail b'referenza 51/369 rigward amendi fil-waste collection. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill tagħna ma kienx biddel xejn mill-iskeda ta' kif jinġabar l-iskart.

15.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

15.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-9.22pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2019 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |